



*Kumitat għall-Baġits
Il-President*

29.01.2024

Is-Sa Evelyn Regner, Rapporteur
Is-Sur Paul Tang, President tas-Sottokumitat FISC
Is-Sa Irene Tinagli, President tal-Kumitat ECON

Suġġett: Opinjoni dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) (2023/0321(CNS))

Għażiża Rapporteur, għeżież Presidenti,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Koordinaturi tal-Kumitat għall-Baġits iddeċidew fil-laqgħa tagħhom tal-24 ta' Ottubru 2023 li jadottaw opinjoni dwar l-Artikolu 56 fil-forma ta' ittra li tkopri r-rapport dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT). Għaldaqstant, bħala President tal-Kumitat BUDG, u flimkien ma' José Manuel Fernandes u Valérie Hayer, Korelaturi permanenti għar-Riżorsi Propriji, b'dan nipprovdlek il-kontribut tal-Kumitat BUDG fil-forma ta' paragrafi ta' riżoluzzjoni, li ġie adottat mill-Kumitat BUDG fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024 u li ġentilment nitlob li jiġi kkunsidrat mill-kumitat tiegħek:

1. Ifakkar li l-intrapriżi jibbenefikaw mis-suq uniku tal-Unjoni, kif ukoll mill-politiki u l-qafas regolatorju armonizzati; iqis li huwa ġust li huma jikkontribwixxu għall-baġit tal-Unjoni kif xieraq;
2. Iqis li, fin-nuqqas ta' tassazzjoni korporattiva fil-livell tal-UE, is-sistema tar-riżorsi propriji, permezz tal-mutwalizzazzjoni ta' sehem żgħir tal-bażi tat-taxxa, tista' sservi bħala mekkaniżmu proxy limitat iżda effettiv biex jinkisbu ċerti eżiti ekonomiċi mixtieqa bħall-ugwaljanza fiskali, il-ġustizzja fiskali, id-diversifikazzjoni u r-reżiljenza tas-sorsi tal-introjtu u l-istabbilizzazzjoni awtomatika;
3. Ifakkar li l-PE fil-passat, u f'diversi okkażjonijiet, appoġġja inizjattivi tal-Kummissjoni għal riżorsi propriji bbażati fuq it-taxxa bħat-TTF, il-BKKT, it-Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali jew l-approċċ tal-Ewwel Pilastru tal-OECD; jiddispijaċih li l-ebda waħda minn dawn l-inizjattivi s'issa ma kisbet l-appoġġ meħtieġ fil-Kunsill għall-implimentazzjoni tagħha;
4. Jissottolinja li l-Pjan Direzzjonali tal-FII jipprevedi b'mod espliċitu riżorsa proprja ġdida marbuta mat-tassazzjoni korporattiva bħala parti minn grupp ta' sorsi ġodda

ta' dħul; ifakkar li l-PE reċentement approva l-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja maħsuba bħala kontribuzzjoni nazzjonali bbażata fuq statistika dwar is-surplus operatorju gross tal-kumpaniji fis-settur finanzjarju u dak mhux finanzjarju; huwa tal-fehma li tali riżorsa proprja, maħsuba b' mod koerenti, għandha tinċentiva lill-Istati Membri biex jaċċelleraw in-negozjati dwar il-BEFIT u jilħqu ftehim malajr dwaru;

5. Jenfasizza li l-inizjattiva BEFIT tikkostitwixxi punt tat-tluq eċċellenti għal riżorsa proprja ġdida kif previst mill-pjan direzzjonali tal-FII; jisħaq li l-qafas tal-BEFIT għandu u jista' jkun kompletament kompatibbli ma' riżorsa proprja ġenwina bbażata fuq it-taxxa korporattiva kif ukoll ma' kontribuzzjoni nazzjonali bbażata fuq l-istatistika;
6. Itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jadotta mingħajr aktar dewmien ir-riżorsi proprji l-ġodda maħsuba biex ikopru l-ħlas lura tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU u biex jiffinanzjaw biżżejjed il-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020.

Dejjem tiegħek,

Johan Van Overtveldt,
President tal-Kumitat għall-Baġits

José Manuel Fernandes,
Korelatur Permanenti għar-Riżorsi Proprji

Valérie Hayer,
Korelatur Permanenti għar-Riżorsi Proprji